# 51. Barra Minn Qalbi!

Meta ġejt tħabbat fuq ta’ qalbi l-bieba,
 – tallaba tal-imħabba wisq rebgħana –
in-nar kebbist għalik jien bl-akbar tieba,
ta’ ġidi kollu ridtek tkun sultana.

Ma kellha x’taqsam xejn dina l-imġieba
ma’ tiegħek, meta qalbi ġiet xewqana
għand qalbek, għax fil-kesħa mħabbti kieba
baqgħet, u b’ġidek ma marritx tistgħana.

U l-Anġlu wisq fidil għassies ta’ qalbi
biex ħadd ma jidħol jekk ma jħobbx ġo fiha,
imdagħdagħ ħebb għalik b’xabla tan-nar,

U tefgħek barra; xejn ma jiswa talbi
issa għalik, għaliex kif fid-dagħdigħa
sakkar malajr warajk bieb tal-azzar.